## APAN (Assoċjazzjoni Pensjonanti Anzjani Nazzjonalisti)

L-Assoċjazzjoni Pensjonanti Anzjani Nazzjonalisti (APAN) twaqqfet fid-29 ta' Ottubru 1989 meta saret l-ewwel Laqgħa Ġenerali Annwali. L-ewwel President kien Lino Battistino. Il-membri kollha anzjani fi ħdan il-PN huma wkoll membri tal-APAN. Skont l-Istatut tal-PN l-APAN hi rappreżentata fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista mill-President tal-APAN u min membru femminili mill-istess eżekuttiv tal-APAN. L-APAN hija rappreżentata fil-European Seniors' Union (ESU) u min żmien għal żmien membri tal-APAN jippartecipaw fl-laqgħat li jigu organizzati min din il-Union.

Matul is-sena l-APAN torganizza diversi attivitajiet. B'mod regolari ta` kull xahar, torganizza "**Niltaqgħu ma'.........**" fejn persuni prominenti kemm fil-politika kif ukoll fil-qasam soċjali, fil-qasam tal-volontarjat u oħrajn jiġu intervistati waqt laqgħa ghall-anzjani. Mis-sena l-oħra l-APAN bdiet torganizza b'mod regolari Ħarġiet Kulturali fejn isuru żjarat lil mużewijiet, u siti storiċi madwar Malta u Għawdex. L-APAN tieħu sehem ukoll f'attivitajiet organizzati mill-PN u l-mezzi tal-media tiegħu fejn jidħol is-suġġett tal-anzjani. L-APAN għandha l-paġna tagħna ta' kull xahar f'IN-NAZZJON, PAGNAPAN. Fl-1 ta` Ottubru ta` kull sena l-APAN tiċċelbra l Jum Internazzjonali tal-Anzjani b'rally ghal-anzjani u l-pensjonanti bil-prezenza tal-Kap tal-Partit Nazzjonalista.
Minn żmien għal żmien l-APAN tipprepara "papers" dwar suġġetti li jkunu jolqtu lill-anzjani fejn nagħtu wkoll proposti dwar dak li nkunu qed nistennew li jsir fil-konfront tal-anzjani u l-pensjonanti.

# L-Għaqda FLORIANA SENIOR CITIZENS

Il-Floriana Senior Citizens hija għaqda filantropika li twaqqfet madwar 40 sena ilu u li kienet l-ewwel waħda intodotta f'pajjiżna, bil-għan li ġġib 'l quddiem l-interessi tal-anzjani furjaniżi. L-għan tal-FSC hu li torganizzat attivitajiet reliġjuzi, kulturali, edukattivi u soċjali, biex kemm jista' jkun iżżomm lill-membri tagħha attivi fis-soċjeta'. Fil-fatt tat-sehem attiv anke fuq livell nazzjonali biex jiġu ntrodotti, l-Kartanzjan, għoti ta' mediċini b'xejn lill-anzjani, Djar tal-anzjani fil-komunita' u oħrajn.

Il-viżżjoni tal-FSC hi li tindirizza l-bżonnijiet tal-anzjani fiż-żminijiet tallum. Ġie mfassal pjan ta' ħidma mifrux fuq numru ta' snin li jaħseb biex il-FSC tkun mmexxija kemm jista' jkun fuq linji professjonali. Il-pjan jaħseb ukoll biex jiġu ntrodotti numru ta' servizzi personalizzati, diretti lejn il-bżonnijiet reali tal-anzjani Furjaniżi. Hi x-xewqa tal-kumitat li ċ-Ċentru tal-FSC, jiġi riabilitat  fuq linji moderni biex iservi wkoll bħala punt ta' riferiment għal aktar servizzi u komunikazzjoni mal-anzjani,  . Fil-fatt fl-aħħar tal-2022, intlaqgħet talba mill-Bord tal-Fondi għall-Kawżi Soċjali biex isir proġett li għandu jgħin fit-titjib tas-servizzi li toffri l-FSC.

Fis-snin riċenti l-FSC ġabret informazzjoni permezz ta' kwestjonarju indirizzat lill-anzjani Furjaniżi dwar il-problemi u l-bżonnijiet realistiċi li għandhom sabiex ikun jista' jiġi mfassal pjan ta' hidma flimkien mal-awtoritajiet kompetenti, biex jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi mnaqqsa kemm jista' jkun it-tbatija u l-iżolament tal-anzjani mill-komunita' Furjaniża. L-FSC qed tħares ukoll 'l quddiem biex taċċerta li l-anzjani Furjaniżi jkollhom il-faċilitajiet u t-taħriġ neċessarju fit-teknoloġija tal-informazzjoni. Fattur importanti biex l-anzjani jgawdu mill-iżvilupp teknoloġiku fid-dinja diġitali, u ma jkunux sfruttati mill-avvanz soċjali tal-ġenerazzjoni attwali.

L-FSC ser tibqa' tinsisti wkoll ieħor biex l-anzjani Furjaniżi jkollhom l-opportunita' li jibqgħu jgħixu kemm jista' jkun fil-lokal tagħhom viċin tal-ambjent li jkunu trabbew fih, kif ukoll li jaqsmu l-ħbiberija ta' persuni  ohra.

Il-FSC ser tkun qed tħares 'l quddiem biex tagħmel l-almu tagħha sabiex tnissel l-inkoraġġiment  neċessarju fost l-anzjani Furjaniżi u b'hekk l-istil ta' ħajja tagħhom jibqa' rilevanti sal-aħħar nifs.

## Write-up qasira dwar il-ħidma tal-Floriana Senior Citizens (FSC) u xi suġġerimenti utli għall-anzjani

Il-Floriana Senior Citizens hija għaqda filantropika li twaqqfet aktar minn 40 sena ilu bil-għan li ġġib 'l quddiem l-interessi tal-anzjani furjaniżi. Kemm ilha mwaqqfa, l-Għaqda organizzat attivitajiet reliġjużi, kulturali, edukattivi u soċjali, biex kemm jista' jkun iżżomm lill-membri tagħha attivi fis-soċjeta'. L-FSC dejjem kampat bid-donazzjonijiet tal-membri tagħha, li jgħoddu madwar 200 persuna u dejjem żammet kuntatt kostanti u regolari mal-membri tagħha permezz tar-rivista ta' kull xahar 'Il-Bastun'.

L-FSC ġiet reġistrat bħala Għaqda Volontarja f'Jannar 2015.

Il-FSC kienet l-ewwel għaqda tax-xorta tagħha f'Malta li ħasbet għall-interessi tal-anzjani. Fil-fatt kienet il-promutur li permezz tagħha f'Malta, infetħet l-ewwel dar residenzjali għall-anzjani, fil-komunita'. Kienet ukoll ipproponiet lill-awtoritajiet l-introduzzjoni tal-Karta Anzjan li sussegwentement intużat għal bosta snin u li minnha bbenefikaw l-anzjani kollha. Kienet ukoll ipproponiet lill-awtoritajiet inizjattivi dwar tqassim ta' medicini b'xejn lill-anzjani, kif ukoll biex jiġu nstallati l-lifts f'appartamenti tal-gvern.

L-għaqda dejjem fasslet il-ħidma tagħha fuq il-prinċipji fundamentali li l-anzjan għandu jkollu l-importanza tiegħu anke meta l-fiżiku ma jibqax daqstant aġli u ħafif bħal qabel. Fuq dan il-prinċipju l-FSC ħejjiet qafas ta' pjan li jaħseb għall-ġejjieni, sabiex l-għaqda tibqa' rilevanti anke waqt it-tibdil u ċ-ċirkustanzi taż-żminijiet.

Aktar kmieni din is-sena ġie ffurmat kumitat ġdid kompost minn nukleju ta' persuni li ġejjin minn oqsma differenti tal-ħajja, li qed jagħtu spirtu ġdid lil din Għadqa, bil-għan li tindirizza l-bżonnijiet tal-anzjani fiż-żminijiet tallum. Ġie mfassal pjan ta' ħidma mifrux fuq numru ta' snin li jaħseb biex il-FSC tkun mmexxija kemm jista' jkun fuq linji professjonali. Il-pjan jaħseb ukoll biex jiġu ntrodotti numru ta' servizzi personalizzati, diretti lejn il-bżonnijiet reali tal-anzjani Furjaniżi. Hi x-xewqa tal-kumitat li ċ-Ċentru tal-FSC, jiġi riabilitat biex iservi wkoll bħala punt ta' riferiment għal aktar servizzi u komunikazzjoni mal-anzjani, kif ukoll li jiġi mgħammar bil-faċilitajiet moderni li huma meħtieġa fil-ħajja tallum.

Fil-passat riċenti saru numru ta' laqgħat mad-deputati tal-ewwel distrett elettorali, ministri u awtoritajiet oħrajn sabiex dawn ikunu nfurmati dwar il-ħidma tal-FSC u għaldaqstant ikunu jistgħu joffru s-sapport meħtieg u joħolqu l-istrutturi legali u amministrattivi għall-benefiċċju tal-anzjani tagħna. Magħhom saret emfasi dwar il-bżonn li tiġi ndirizzata l-problema tal-popolazzjoni u problemi oħra socjali. L-għaqda tagħna dejjem emfasizzat il-bżonn li l-ftit bini li hawn fil-Floriana għandu jibqa' jintuża għall-skopijiet residenzjali u għandu jiġi addattat u aċċessibbli għall-persuni anzjani.

Xi żmien ilu kien sar kwestjonarju indirizzat lill-anzjani Furjaniżi dwar il-problemi u l-bżonnijiet realistiċi li għandhom sabiex ikun jista' jiġi mfassal pjan ta' ħidma flimkien mal-awtoritajiet kompetenti, biex jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi mnaqqsa kemm jista' jkun it-tbatija u l-iżolament tal-anzjani mill-komunita' Furjaniża u b'hekk l-anzjani jibqgħu attivi sal-aħħar. Il-kwestjonarju kixef numru ta' kundizzjonijiet u faqar ta' żmienna u li flimkien mal-parroċċa qed infasslu strateġija biex kemm jista' jkun nippruvaw insolvu kemm nistgħu il-problemi tagħhom.

Fattur importanti ieħor fil-pjan tal-FSC, hu biex l-anzjani Furjaniżi jkollhom l-opportunita' li jibqgħu jgħixu kemm jista' jkun fil-lokal tagħhom viċin tal-ambjent li jkunu trabbew fih, kif ukoll li jaqsmu l-ħbiberija ta' persuni oħra, kemm tal-istess eta' tagħhom kif ukoll oħrajn izgħar minnhom, kemm fil-komunita' tal-Floriana kif ukoll fi bliet u rħula oħra.

Bil-għan li l-Għaqda jkollha persuni li jkunu jistgħu imexxu l-interessi tal-anzjani aktar 'l quddiem, inħass il-bżonn li l-eta' tal-membri li jistgħu jissieħbu fl-għaqda tinżel għal 55 sena. B'dan l-iskop l-FSC jkollha membri aktar żgħar u b'hekk tissaħħah l-integrazzjoni ma' persuni ta' etajiet differenti.

L-FSC kkontribwiet ukoll bis-sehem tagħha f'seduta Parlamentari organizzata mill-Kunsill Nazzjonali ghall-Anzjani bit-tema ' Solidarjeta' fost il-generazzjonjiet'. Fiha hadu sehem ukoll diversi għaqdiet taż-żgħażagħ u flimkien qsamna l-oġġettivi biex il-ġenerazzjoni anzjana u dik żagħżugħa jintegraw u jkunu ta' sostenn għal xulxin fil-ħajja ultra mgħaġġla u sfrenata tallum.

Il-punti li ressaqt bhala president tal-FSC matul is-seduta kienu dawn:-

1. Illum kulħadd hu konxju li **t-teknoloġija** taffettwa l-ħajja ta' kull persuna.

2. Teżisti **biża' kbir** fost l-anzjani mill-użu tat-teknoloġija u l-informatika.

3. Hu neċessarju li nkissru din il-barriera diġitali permezz ta' **kampanja nazzjonali** favur l-użu t'attrezzaturi teknoloġiċi li jintużaw kuljum u saru parti mill-għodda komunikattiva u prattika ta' żmienna.

4. L-użu tat-teknoloġija tbiegħed il-possibilita' tad-**dimentia** u żżomm lill-anzjani attivi fid-dinja diġitali.

5. **Iż-żgħażagħ għandhom rwol importanti** li jgħinu lill-familjari anzjani tagħhom u jħeġġuhom fl-użu regolari tal-internet, eċċ., billi bil-paċenzja kollha jispjegawlhom u jipprattikaw magħhom l-użu tal-faċilitajiet diġitali.

6. Hemm bżonn li tiġi organizzata **kampanja nazzjonali** fuq il-midja soċjali li tħeġġeġ il-ġenerazzjoni żagħżugħa tagħraf ir-**responsabbilta**' tagħha kif imfisser f'numru 5.

7. Hu essenzjali li l-anzjani li jbatu mid-dementia jew kundizzjoni medika oħra jkollhom fuq persunthom tip t'**apparat**, per eżempju, brazzuletta li tinkludi ċippa bl-informazzjoni medika kif ukoll facilita' li tiġi ntraċċata, f'każ li din tintilef.

8. Hu indispensabbli li kull anzjan li jixtieq jingħaqad fid-dinja diġitali, għandu jkollu aċċess għall-faċilita' tal-**WIFI fid-dar** tiegħu, li jkun issussidjat mill-gvern. Dwar dan ilna qatigħ insusu mal-awtoritajiet li s-servizz tal-internet għall-anzjani fiż-żminijiet tallum għandu jiġi kunsidrat bħala servizz soċjali. Servizz bħal dan ċertament itaffi mhux ftit l-iżolament u s-solitudni ta' bosta anzjani li huma kostretti li jingħalqu f'darhom, b'kuntatt limitat ħafna ma' qrabathom.

**Xi suġġerimenti oħra:**

L-FSC tħoss li fiż-żminijiet tallum l-anzjani għandhom bżonn ħafna aktar minn qabel ta' **gwida legali**, sew fejn tidħol l-amministrazzjoni finanzjarja tal-anzjani nfushom, kif ukoll meta jiġu biex jippreparaw it-testment tagħhom. Każijiet t'abbużi fejn jidħlu l-beni tal-anzjani smajna ħafna, speċjalment li llum il-banek jesieġu li t-transazzjonijiet finanzjarji isiru permezz ta' mezzi diġitali. F'dan ir-rigward ħafna anzjani għadhom jiddependu minn qraba jew ħbieb biex jamministraw il-finanzi tagħhom mal-banek kummerċjali għax ma jagħrfux il-lingwa diġitali. Ħafna drabi dawn l-anzjani jitħallew sajmin dwar dak li jkunu jippossedu jew dwar transazzjonijiet oħra fil-bank minħabba l-biża jew tgħeddid minn familjari jew persuni li jkunu qed jieħdu ħsiebhom. Dan qed jiġri wkoll meta l-anzjani jiġu biex jippreparaw it-testment tagħhom. Dan l-eżerċizzju jista' jservi ta' frosta għall-anzjani involuti li jiġu f'sitwazzjoni, li jkollhom jaġixxu kontra l-volonta' tagħhom, inkella jiffaċċjaw l-iżolament jew konsegwenzi oħra. Dawn is-sitwazzjonijiet huma komuni ħafna fost l-anzjani u meta tħeġġiġhom biex jieħdu parir legali jibqgħu lura minħabba l-ispejjeż involuti. **L-FSC għaldaqstant qed tissuġġerixxi li l-awtoritajiet jikkunsidraw li jintroduċu xi tip ta' għajnuna finanzjarja jew sussidju fuq servizzi legali li jistgħu jiġu bżonn l-anzjani, kemm fis-sitwazzjonijiet li semmejt, kif ukoll bżonnijiet oħra fejn parir legali jkun indispensabbli.**

M-FSC tħoss ukoll li l-anzjani għandhom bżonn ħafna ta' wens u protezzjoni, kemm fid-dar kif ukoll barra. Bħala Għaqda nippruvaw norganizzaw attivitajiet filgħaxija, imma minħabba l-insigurta' fit-toroq f'dawn il-ħinijiet l-attendenza tkun batuta ferm. Għalhekk qed ikun

propost li tiżdied is-sigurta' fit-toroq speċjalment wara nżul ix-xemx. Dan jista' jgħin biex issir **aktar sorveljanza mill-pulizija jew wardens fit-toroq** sabiex l-anzjani jħossuhom aktar komdi li jiffrekwentaw postijiet t'interess għalihom.

**Survey Nazzjonali**

Biex l-anzjani jkollhom aktar involviment fit-tfassil tal-politika li tolqothom mill-qrib, l-FSC qed tirrakkomanda biex jiġi kummissjonat survey nazzjonali lil xi ditta professjonali (eż. Misco eċċ) biex tagħmel riċerka li tkun tiffoka dwar **a)** l-aktar bżonnijiet li **jeħtieġu** l-anzjani **u b)** l-aktar servizzi li **jixtiequ** l-anzjani**.** Ċertament hemm differenza bejn dak li jeħtieġu verament l-anzjani u dak li jixtiequ. Naturalment ir-riċerka għandha toħroġ l-elementi li l-aktar jinteressaw lill-anzjani u bil-kriterji magħżula minnhom ikunu jistgħu jgħinu fit-titfassal tal-politika nazzjonali dwar il-ħtiġijiet tal-anzjani u fl-istess waqt ikunu qed jikkontribwixxu direttament lejn soluzzjonijiet li jinteressawhom mill-qrib.

Ċertament, bħal kull servizz pprovdut mill-istat hu ta' piż finanzjarju, hekk ukoll l-introduzzjoni ta' inizjattivi u servizzi ġodda favur l-anzjani jinvolvu aktar fondi u riżorsi fuq l-ekonomija. Imma fir-realta' b'dawn l-inizjattivi l-istat ikun qed irodd lura l-kontribut li jkunu taw l-anzjani matul il-ħajja tagħhom u jkun ukoll qed itejjeb il-*well being* tagħhom. Dan jista' jfisser ukoll li aktar ma jgħix kuntent, l-anzjan, anqas jimrad u jibqa' attiv fis-soċjeta' u fil-komunita' fejn jgħix. Is-soċjeta' tallum għandha bżonn ħafna tal-anzjani. Biżżejjed naraw il-kontribut li jibqgħu jagħtu anke wara li jirtiraw. Dan hu rifless fil-ħidma volontarja li fil-parti l-kbira tagħha hemm l-involviment tal-anzjani, kemm fil-qasam reliġjuż, kulturali kif ukoll soċjali, soċjali u edukattiv. B'hekk l-anzjan jibqa' attiv u ta' valur għas-soċjeta' maltija.

Publio Agius
President - Floriana Senior Citizens

8 ta' Settembru 2025.

# GĦAQDA PENSJONANTI TELEMALTA>MALTACOM>GO

c/o "Chantyl", Triq il-Maqdes, B'Bugia
Mob: **+356 7977 2111**
Email: info@pensjonantitelemalta.org.mt
Web: www.pensjonantitelemalta.org.mt

**L-Għaqda Pensjonanti Telemalta>Maltacom>GO** (GĦPTMG) ġiet imwaqqfa fil-25 ta' Settembru 1995 bħala għaqda filantropika u apolitika. L-għanjiniet prinċipali tal-Għaqda huma:

(i) li torganizza attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi għall-membri;

(ii) iżżomm kuntatti mal-GO plc bl-iskop li l-membri jkunu jistgħu:

(a) jieħdu parti wkoll f'attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi organizzati mill-GO plc;

(b) jibbenefikaw minn benefiċċji mogħtija mill-GO plc għal-interess tal-membri,

(iii) toħloq u tgħożż solidarjeta' bejn il-membri tal-Għaqda u bejn dawn il-membri u l-impjegati tal-GO plc.

Is-sħubija fl-Għaqda hija miftuħa għal kull min irtira mill-kumpanija, inkella għandu pensjoni mis-sigurta' soċjali jew/u mit-Teżor basta f'kull każ ikollu servizz kontinwu ta' mhux inqas minn għaxar (10) snin qabel ma jkun irtira minn waħda mill-kumpuniji li jiffurmaw l-Għaqda. Il-konjuġi/sħab leġittimi ikunu awtomatikament imsieħbin bħala membri ma' l-Għaqda.

Fil-preżent, l-uffiċjali tal-Kunsill huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| President - | Is-Sur Charles Xuereb |
| Viċi President - | Is-Sur Alfred Calleja |
| Segretarja - | Ms Carmen Cachia |
| Ass. Segretarja - | Ms Phyllis Mangion |
| Teżorier - | Is-Sur Joe Giusti |
| Ass. Teżorier - | Is-Sur Charles Tanti |
| Chair Attivitajiet - | Is-Sur Dennis Griscti |
| Membru - | Is-Sur Joe Camilleri |
| Membru - | Is-Sur Joseph P. Debono |

Il-membri tal-Kunsill jiġu eletti waqt il-Laqgħa Ġenerali Anwali u jservu għall-perjodu ta' sentejn. Ġeneralment il-Kunsill jiltaqa' kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar.

Bi pjaċir il-Kunsill jirrikonoxxi li għall-ewwel darba mit-twaqqief tal-Għaqda, is-sena l-oħra ġew koptjati u eventwalment ħadu posthom fuq il-Kunsill żewġ nisa li jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Għaqda.

Kull tlett xhur il-Kunsill jorganizza ħarġa kulturali li tkun segwita minn ikla f'wieħed mill-istabilimenti lokali.  Il-ħarġiet kienu jinkludu żjara fil-Power Station ta' Delimara, Mediterraneo Marine Park, Baħar Iċ-Ċagħaq, Għar Dalam, B'Bugia u postijiet oħra storiċi u ta' interess kulturali.

Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li wara waqfa' ta' sentejn minħabba l-Covid 19 il-membri reġgħu qegħdin jikkonkorru u jipparteċipaw fl-attivitajiet li torganizza l-Għaqda.

Kull korrispondenza għanda tindbgħat lis-Segretarja fl-indirizz c/o 'Chanyl', Triq il-Maqdes, B'Bugia, jew fl-indirizz eletroniku info@pensjonantitelemalta.org.mt jew bit-telefon 7977 2111.

**Charles Xuereb**
**President**

MUMN - Malta Union of Midwives and Nurses

Warner complex MUMN
triq il- Vitorja Qormi QRM2508
Administrator MUMN administrator@mumn.org
+356 21 448 542

The most important organ in MUMN is the General Conference which elects a Council every 4 years.
The Council is led by a President, General Secretary, Vice-President, Financial Treasurer and 6 Members.
Under the Council there are 3 Executive Committees which are responsible for:-
A. Industrial Relations
B. Institute for Healthcare Professionals
C. Social & Entertainment
Each Executive Committee is made up of several Group Committees. The Pensioners Group Committee is part of the Social & Entertainment Executive Committee
Our Council is made up as follows:-
Paul Pace - President
Colin Galea - General Secretary
Alex Manche - Vice-President
George Saliba - Financial Secretary
Geoffrey Axiak- Member
Sander Lautier - Member
William Grech - Member
Simon Vella - Member
Claire Zerafa - Member
Ronnie Frendo - Member

Chantelle Muscat
MUMN office Administration.

---

## Għaqda Pensjonanti Telemalta/Maltacom/GO hi organizzazzjoni filantropika u apolitika.

L-għanijiet tal-Għaqda huma li,

(i) torganizza attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi għallmembri;

(ii) iżżomm kuntatti mal-GO bl-iskop li l-membri jkunu jistgħu,
(a) jieħdu parti wkoll f'attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi organizzati mill-GO;
(b) jibbenefikaw minn benefiċċji mogħtija mill-GO għall-interess tal-membri.

(iii) toħloq u tgħożż solidarjetà bejn il-membri tal-Għaqda, u bejn dawn il-membri u l-impjegati tal-GO.

Napprezzaw l-attenzjoni tiegħek u l-ħidma tal-KNA.

Tisliliet
Carmen Cachia
Segretarja
Għaqda Pensjonanti Telemalta/Maltacom/GO

## Il-Malta Association of Retired Police officers

Ilha imwaqqafa mis-sena 1980 taħt l-isem ta' Għaqda Pulizija Pensjonanti, il-membri tagħna mhux neċessarjemnt huma taħt l-eta' pensjonabbli.

Attivitajiet lill-membri:- Norganiza ħrug fejn din is-sena organizzajna, ħarġa Għawdex, Esplora, Mużew tal-Ferrovija B'kara u l-Knisja l-Qadima ta' BIrkirkara u swali restawrati tal-Palazz il-Belt Valletta. Wara jkollna pasta lunch fil-canteen tal-Kwarteiri Ġenerali tal-Pulizija. Matul l-ewwl Hadd tas-sena, l-Kummissarju jistieden il-membri kollha tagħna , sabiex jattendu għal quddies ta' radd il-ħajr u bibita bejn il-membri attivi u dawk irtirati.

Ftuh ta' uffiċċju il-Menqa Marsa:-Kull nhar ta' Tnejn filghodu skont iċ-ċirkostanzi, bejn Ottubru sa Mejju, jkollha uffiċċjal normalment il-kaxxier u segretarju ezekuttiv, li jiftah l-uffiċċju għal-membri tagħna.

Laqgħat mal-Gvern u  entitajiet oħra:- Jkollna laqghat mal-Ministru tal-Intern, Segretarju Permamenti tal-Intern u dak tas-Servizzi Socjali, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni.

Ħidma fi ħdan l-Allenza ta' Organizzazzjonijiet ta' Pensjonati:- Jkollna laqgħat meta meħtieġ. Universita ta' Malta, studju dwar l-anzjani.

Proposti Budgett 2026, il-MARPO issottomettit dawn:
a. billi jħeġġu lill-Gvern sabiex għal Budget 2026 jestendi l-aġġustament għal ħelsien mit-taxxa ta' dħul mill-pensjoni tas-servizz lil dawk li ma laħqux l-eta' tal-irtirar.

b. is-servizz tal-internet, jigi rikonxutt bħala servizz essenzjali u jkun parti mis-sistema ta' servizzi socjali, li jkun imħallas mill-Gvern, speċjalment lil dawk li d-dħul tagħhom gej biss minn pensjoni kemm tas-servizz kif wkoll dik tal-irtirar.

c. jħeġġeġ lill-Gvern jikkonsidra li l-ħaddiema tiegħu, sena qabel jirtiraw bil-pensjoni, dawn il-ħaddiema jkunu transferiti lill-Kunsill Lokali fejn joqgħodu jew dawk fil-viċinanzi, sabiex jagħtu is-servizz tagħhom lir-residenti speċjalment lill-anzjani.

d. fl-isfond ta' dak li nisimgħu mill-membri tagħna u dak li jtennu l-mexxejja politiċi li l-pensjoni ta' servizz, għandha tigi aġġustata mall-pass ta' żmien u żvilupp fil-ftehim kollettivi settorjali u mhux il-pensjoni ta' servizz,  tibqa' staġnata għal-għomorna.

# Ħidma ta'Fondazzjoni Caritas Malta mal-Anzjani

**Introduzzjoni**

Matul is-sena li għaddiet, il-Fondazzjoni Caritas Malta kompliet tħaddem il-missjoni tagħha favur il-persuni anzjani, b'mod partikolari dawk li jinsabu f'riskju ta' iżolament jew solitudni. Permezz ta' diversi programmi u inizjattivi, kemm individwali kif ukoll komunitarji, il-Fondazzjoni baqgħet taġixxi bħala pont ta' mħabba, solidarjetà u kura bejn il-ġenerazzjonijiet.

Il-ħidma ma' u favur l-anzjani saret fuq diversi livelli: mill-appoġġ permezz tal-grupp

RO-SE (romol u separati), għal koordinazzjoni ta' gruppi fil-parroċċi taħt il-programm **Caritas Malta Helpage**, kif ukoll permezz ta' rispons għal talbiet individwali għall-għajnuna li jaslu kuljum għand il-Fondazzjoni. Barra minn hekk, Caritas Malta wettqet ukoll studju kwalitattiv importanti **"Ageing Matters"**, li saħħaħ il-fehim dwar is-solitudni fost l-anzjani li jgħixu waħedhom, u wassal għal numru ta' rakkomandazzjonijiet prattiċi biex tissaħħaħ il-kwalità tal-ħajja tagħhom.

Il-Fondazzjoni kompliet ukoll tħaddem inizjattivi soċjali ta' valur simboliku u komunitarju, fosthom l-**Ikla Annwali tal-Milied**, li fiha jattendu mijiet ta' anzjani, ħafna minnhom jgħixu waħedhom. Din l-attività ssir bħala sinjal ta' mħabba, rispett u ħbiberija lejn dawk li spiss iħossuhom minsija jew waħedhom.

Dan kollu sar permezz ta':

1) **RO-SE** (grupp romol – separati) li ilu mwaqqaf mill-1997.
Dan il-grupp għandu kumitat tat-tmexxija mill-anzjani għal anzjani flimkien mas-Social Worker responsabli minn dan il-grupp ta' appogg.

**Ħidma:**
Eta' ta' bejn 60 u 80 sena+
Kull membru qabel ma jidħol fil-grupp ikollu laqgħa mas-social worker.
Ta' kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija jattendu għalih massimu ta' 80 membru.

Il-laqgħat jikkonsistu f'taħdidiet ta' interess ġenerali u edukattivi.
Quddies tal-ewwel Ġimgha ta' kull xahar.
Ħarġiet darba fix-xahar fost il-gimgħa

2) **Caritas Malta Helpage Gruppi tal-Anzjani fil-Parroċċi**

**Parroċċi:**

1. Attard
2. Balzan
3. Birgu
4. B'Kara Sta Maria
5. Gaxaq
6. Gudja
7. Hamrun Kunċċizzjoni
8. Marsascala
9. Mqabba
10. Naxxar
11. Zabbar

Dawn il-gruppi huma *accountable* 'il Kappillan tal-Parrroċċa u-Caritas Malta Helpage tieħu ħsieb tikkoordina ta' kull xahar laqghat lil Leaders u l-Helpers tagħhom permezz ta' laqghat ta' formazzjoni umana, soċjali u spiritwali.

**Din is-sena** beħsiebna nerġgħu nkellmu lil kappillani biex inħegguhom jergaw jikkonsidraw jiftħu iċ-ċentri fil-parroċċi.Dan minħabba li wara l-Covid19 ħafna mill-gruppi tal-anzjani fil-parrocci waqfu jiltaqaw.

3) **Anzjani li jfittxu l-għajnuna ta' Fondazzjoni Caritas Malta fuq bazi individwali**

Ta' kuljum il-Counselling & Social Work Unit ta' Fondazzjoni Caritas Malta tircievi numru ta' telefonati u emails mingħand anzjani li jkollom bżonn ta' xi tip ta' għajnuna. Uħud minn dawn it-talbiet li nirreferuhom lil Active Ageing Community Care li magħhom għandna relazzjoni tajba ħafna.

4) **Ageing Matters**
Studju u ricerka kwalitattiv fost numru ta' madwar 19 il-anzjani nisa u rgiel li jgħixu waħidhom. Dan ġie ippublikat t fi ktejjeb u jinsab ukoll fuq il-website ta'Fondazzjoni Caritas Malta. - https://www.caritasmalta.org/ageing-matters-2025/

Ir-Rakkomandazzjonijiet li ħarġu minn dan l-istudju huma:

5.1 Espansjoni ta’ Programmi Soċjali
– Jintroduċu workshops ta’ hobbies u artiġjanat imfassla skont l-interessi u l-kapaċitajiet tal-anzjani.
– Jinkoraġġixxu workshops interġenerazzjonali biex jissaħħu l-għarfien reċiproku u l-konnessjoni bejn il-ġenerazzjonijiet.

5.2 Żieda fl-Ispazji Komunitarji u Aċċessibilita’
– Jinħolqu spazji pubbliċi mdawla u siguri, bħal parks u żoni bil-bankijiet, speċjalment fiċ-ċentri tal-irħula.
– Tiġi promossa kollaborazzjoni mal-kunsilli lokali biex jiġi żgurat li dawn l-ispazji jinżammu tajjeb u jkunu aċċessibbli u adattati għall-anzjani.

5.3 Akkomodazzjoni Komunali għall-Anzjani
– Jiżviluppaw akkomodazzjonijiet komunali mfassla apposta għall-bżonnijiet tal-anzjani. Dawn id-djar għandhom jinkludu spazji privati biex jiġi żgurat indipendenza u privatezza.
– Dan il-mudell jippromwovi awtonomija u konnessjoni soċjali, filwaqt li jindirizza l-problema serja tas-solitudni.

5.4 Programmi ta’ Literazzjoni Diġitali
– Jissaħħu programmi ta’ taħriġ diġitali b’enfasi fuq l-użu effettiv tal-midja soċjali, u teknoloġiji oħra li jsaħħu l-komunikazzjoni.

5.6 Tisħiħ tas-Servizzi ta’ Appoġġ fid-Djar
– Tiżdied l-għarfien dwar is-servizzi disponibbli għall-anzjani, inkluż assistenza biex jimlew formoli ta’ applikazzjoni.
– Filwaqt li ħafna servizzi jingħataw bit-telefon, iż-żjarat fid-djar jistgħu joffru wkoll kumpanija u appoġġ personali.

5.7 Involviment tal-Komunità
– Jiġi stabbilit “buddy system” fejn anzjani jiġu mqabbla ma’ ġirien jew voluntiera biex jipprovdu kumpanija u għajnuna f’xogħlijiet żgħar.
– Jitħejjew attivitajiet ta’ ġirien u avvenimenti komunitarji biex jiġi mħeġġeġ l-iskambju bejn il-ġenerazzjonijiet.

5.8 Promozzjoni tal-Volontarjat u Attivitajiet Ibbażati fuq Skop
– Jinħolqu aktar opportunitajiet għall-anzjani biex jagħtu sehemhom fil-komunità permezz ta’ volontarjat.
– Nsaħħu is-sistema ta’ rikonoxximent pubbliku jew premjijiet annwali għal dawk li jagħtu kontribut attiv.

5.9 Aċċess Akbar għal Servizzi ta’ Saħħa Mentali
– Tittejjeb l-aċċessibbiltà għal servizzi ta’ counselling għal anzjani li jbatu mis-solitudni u l-iżolament.

– Jingħata taħriġ lil ħaddiema komunitarji u voluntiera biex jirrikonoxxu sinjali ta' solitudni u problemi ta' saħħa mentali fost l-anzjani.

5.10 Inkuraggiment ta' Involviment Spiritwali
– Tingħata appoġġ lil organizzazzjonijiet ta' ispirazzjoni reliġjuża biex joffru attivitajiet spiritwali u soċjali għall-anzjani, bħal retreats, laqgħat ta' gruppi u attivitajiet komunitarji.
– Jiġi pprovdut trasport lil dawk li għandhom diffikultajiet ta' mobilità jew ta' trasport.

Dan l-istudju wassal lil Fondazzjoni Caritas Malta biex tniedi inizjattivi addizzjonali, fosthom sejħiet ta' telefonati ma' anzjani li attendew għall-Ikla tal-Milied, żjarat f'djar residenzjali għal dawk li ma jirċevux żjarat, u sessjonijiet interġenerazzjonali fl-iskejjel fejn l-anzjani jaqsmu l-esperjenzi tal-ħajja tagħhom maż-żgħażagħ.

Barra minn hekk, ġiet maħsubha l-inizjattiva tal-Good Neighbourhood Watch, biex tħeġġeġ lill-komunitajiet jieħdu ħsieb l-anzjani, b'mod speċjali lil dawk li jgħixu waħedhom.

5) **Jum Dinji tal-Anzjani**
Ta' kull sena l-Fondazzjoni Caritas Malta tiehu hsieb l-organizazzjoni tal-Jum Dinji ta' l-Anzjani permess ta' celebrazzjoni ta' quddiesa fil-Bazilika Minuru ta' Kristu Re Paola. Din is-sena record ta' 1000 anzjani attendew ghal din ic-celebrazzjoni nazzjonali.

6) **Ikla Annwali ta' nhar il-Milied**
Għal din l-ikla jattendu madwar 500 persuna li l-maggorranza tagħhom anzjani li jgħixu waħedhom.

**Konklużjoni**

Il-ħidma kontinwa tal-Fondazzjoni Caritas Malta turi impenn sħiħ lejn il-ġid u d-dinjità tal-anzjani fil-pajjiż tagħna. Permezz tal-programmi ta' appoġġ, il-gruppi fil-parroċċi, ir-riċerka fuq l-iżolament soċjali, u l-inizjattivi komunitarji, Caritas Malta tkompli tagħti leħen lil dawk li forsi ma jitkellmux, u tagħtihom spazju fejn iħossuhom parti mill-komunità.

L-istudju **"Ageing Matters"** kompla jixgħel dawl fuq il-bżonn li nsaħħu l-policies u l-istrutturi soċjali biex nindirizzaw il-problema tas-solitudni u nippromwovu ħajja attiva, soċjali u spiritwali fost l-anzjani. Il-Fondazzjoni se tkompli taħdem biex dawn ir-rakkomandazzjonijiet isiru realtà, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet, il-parroċċi, u l-komunitajiet lokali.

Filwaqt li tħares 'il quddiem, Caritas Malta tkompli tħeġġeġ lil kull wieħed u waħda minna biex inkunu **ġirien tajba**, inżuru, nisimgħu u nieħdu ħsieb lil dawk li forsi jinsabu waħedhom. Dan mhux biss jgħin lill-anzjani, imma jsaħħaħ ukoll il-qalb u r-ruħ tal-komunità kollha.

**Bernadette Briffa**
**Social Worker Warrant No. 085**
**Head Counselling & Social Work Unit**

22/10/2025

## ĦBIEB TAL-MORDA U L-ANZJANI F'GĦAWDEX

F'Għawdex ninnutaw li apparti s-servizzi li noffru aħna l-Għaqda Friends of the Sick and the Elderly in Gozo, hawn servizzi oħrta għall-anzjaniu f'Għawdex kemm ipprovduti mill-Istat kif ukoll minn entitajiet privati jew volontarji.

Aħna nselfu apparat għall-kura tal-anzjani fil-komunita' bħal sodod elettroniiċi, lifters, wheelchairs u sara stedies. Ikollna ħafna talbiet fil-ġimgħa u nippruvaw inlaħħqu mad-domanda. Nippruvaw ngħinu lil kulħadd. Ippruvajna wkoll nindirizzaw il-problemi u n-nuqqasijiet li jiffaċċjaw l-anzjani Għawdex.

Konna dejjem insistu għall-aċċessibilita fit-toroq, bankini, postijiet pubbliċi inkluż knejjes. Illum anki l-trasport pubbliku huwa aċċessibbli u komdu għall-anzjan inkluż dawk li huma fil-wheelchair.

Pero ninnutaw li Għawdex ma għandniex servizz adegwat għat-trasport  għal dawk l-anzjani li huma fil-wheelchair u jiridu jmorru direttament f'post fejn għandhom xi appuntament. Naf li hawn it-trasport provdut mill-Kunsilli Lokali, Silver T u anki tal-Ordni ta' Malta li pero' mhux dejjem ikunu għal-lest u li jistgħu jintużaw il-ħin kollu.

Xtaqna li nipproponu li jkollna iżjed Day Care Centres fl-Irħula Għawdxin u wieħed irid ifaħħar l-inizjattiva tal-privat talli nbnew iżjed djar għall-anzjani f'Għawdex.

Qalulna wkoll rigward il-Bereġ fl-Irħula magħluqa tan-Nadur, tal-Għasri? Influss ta' anzjani u pażjenti oħra fiċ-Ċentru ta-Saħħa tal-Victoria u tal-Qala.

L-ispiżerija minn fejn jitqassmu ċ-ċilindru tal-ossigenu qegħdin Għajnsielem u hemm bżonn ikunu f'post ċentrali bħal-Victoria u li jkun hemm parkeġ'ġ adegwat  Loading/Unloading